# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn, 4 ta' Diċembru, 2023.

**Kawża Nru. 12**

**Rik. Nru. 14/2023 ISB**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tal-**Kummissarju tat-Taxxi**, intavolat fit-3 ta' Marzu 2023, li permezz tiegħu huwa talab lill-Qorti sabiex:-

> *"... tordna illi l-kumpannija* ***Interim Management Service Ltd (C-48907)*** *terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji salv kull provvediment li jogħġobha tagħti."*

U dan wara li ppremetta:

1. *Illi l-esponenti Kummissarju għal dak li jirrigwarda VAT hu kreditur tas-soċjetà Interim Management Service Ltd (C 48907) fl-ammont ta' tnejn u erbgħin elf mija tlieta u ħamsin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€42,153.86);*

2. *Illi s-soċjetà surreferita kienet irreġistrata mal-esponenti Kummissarju sabiex tibda l-attivita' ekonomika tagħha fis-sitta u għoxrin (26) ta' Frar tas-sena elfejn u għoxrin (2010), bin-numru tar-reġistrazzjoni 19711635A u bl-indirizz: 17, Triq l-Innu Malti, Żebbuġ ŻBĠ 3503.*

3. *Illi s-soċjetà surreferita bin-numru tal-Kumpanija C 48907 kienet intavolat appell quddiem it-Tribunal Amministrattiv fl-ismijiet*

   ***Lorna Smith (K.I. 379680M) bħala stralċjatarju tas-soċjetà Interim Management Service Ltd (C 48907) (numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT MT19711635) vs Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud appell numru 32/2017/VG***

   *kontra l-istima maħruġa mill-esponenti Kummissarju;*

4. *Illi riċentement ir-Rikorrenti skopra waqt seduta tat-Tribunal u kien sorpriż kif tenut kont tal-ammont surreferit ir-Reġistratur tal-Kumpanniji iddeċida illi jieħu passi sabiex jikkanċella minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji lis-soċjetà Interim Management Service Ltd (C 48907);*

5. *Illi tali deċiżjoni fejn is-soċjetà surreferita kienet ġiet 'Struck Off' ad Defunct' bid-data effettiva 27/12/2022 kienet se tkun ta' preġudizzju enormi għar-rikorrenti;*

6. *Illi r-Rikorrenti mhux edott mill-fatti illi wasslu għad-deċiżjoni tar-Reġistratur tal-Kumpanniji illi jitħassar l-isem tas-soċjetà minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji;*

7. *Illi l-appell quddiem it-Tribunal Amministrattiv surreferit immatura ferm u wasal fl-istadju sabiex l-Onorabbli Tribunal jagħti s-sentenza tiegħu dwar l-appell fuq imsemmi;*

8. *Illi tali sitwazzjoni tat-tħassir tal-kumpannija' tippreġudika serjament lill-Kummissarju esponenti milli jiġbor il-flus lilu dovuta mill-intimata kumpannija Interim Management Service Ltd;*

9. *Illi għadhom ma għaddewx ħames (5) snin minn meta s-soċjeta' surreferita tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji u u fl-umili fehma tar-rikorrent jeżistu l-elementi kollha kontemplati fl-artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-kumpannija terġa' tiġi mqiegħda fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji;*

   *(4) Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpannija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

10. *Illi dan ir-rikors qed jiġi intavolat sabiex jissalvagwardja l-pożizzjoni tar-rikorrent, jitħarsu l-interessi tal-erarju pubbliku u jiġu ssalvagwardati d-dettami tal-ġustizzja;*

11. *Illi l-esponenti jsib konfort f' dan li qiegħed jitlob fir-ġurisprudenza kostanti ora mai definita tal-qrati nostrali f'każi simili u senjatament fil-kawżi segwenti, kollha mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ):*
    1. *29 ta' Settembru 2020 Mario Borg vs Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji;*

2. *30 ta' Ġunju 2020: Mazzacano D'Amato et vs Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji;*
3. *Edwin Zammit kontra X et. 29 ta' Ottubru 2020;*
4. *30 ta' April 2020 Joseph Caruana vs Saviour Ferrito et*
5. *16 ta' Diċembru 2019:- Xuereb et vs Reġistratur tal-Kumpaniji et*
6. *28 ta' Marzu 2019:- Gauci Maistre noe vs Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji et*

***Prim' Awla tal-Qorti Ċivili:-***

1. *24 ta' Jannar 2006:- Cassar Pullicino noe vs Ir-Reġistratur tas-Soċjetajiet et*
2. *26 ta' Ġunju 2018:- Micallef vs Borg et*
3. *30 ta'Marzu 2017:- Hal Mann Construction Limited et vs Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji*
4. *31 ta' Jannar 2017:- Borg Barthet vs Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji.*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 6 sa fol 8).

Rat **id-digriet** tagħha tas-17 ta' Marzu 2023 fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tad-19 ta' Mejju 2023 fil-11:30 a.m.

Rat illi r-Reġistratur tal-Kumpaniji kien notifikat fit-30 ta' Marzu 2023 (ara tergo ta' fol 10).

Rat illi fid-19 ta' April 2023, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ippreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 13) b'dokument hemm anness, li permezz tagħha, huwa sostna:

> *Illi l-kumpanija Interim Management Service Ltd (C 48907) (minn issa 'l quddiem 'il-kumpanija') kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fis-17 ta' Frar 2010;*

*Illi b'riżoluzzjoni straordinarja, l-kumpanija għaddiet għall-proċess ta' xoljiment u stralċ volontarju konsegwenzjali nhar it-13 ta' Diċembru 2013 skont l-Artiklu 265(1) tal-Att dwar il-Kumpaniji (minn issa 'l quddiem "l-Att") u liema dikjarazzjoni ta' dan, skont kif rikjest mill-Artiklu 268(1) tal-Att, ġiet notifikata lir-Reġistratur permezz tal-Formola B(1)* ***(Dok. "MBR1")*** *flimkien mad-dikjarazzjoni li l-kumpanija kienet tista' tħallas id-djun tagħha kollha fi żmien tliet xhur* ***(Dok. "MBR2")****;*

*Illi likwidatur ġiet maħtura, skont l-Artiklu 290(1) tal-Att nhar it-13 ta' Diċembru 2013* ***(Dok. "MBR3").***

*Illi l-kumpanija għaddiet mill-proċess ta' stralċ volontarju u ġew sottomessi d-dokumenti kollha lir-Reġistratur, skont kif rikjesti mill-Att, inkluż ir-rendikont, l-iskema ta' distribuzzjoni u r-rapport tal-awditur* ***(Dok. "MBR4")*** *flimkien mal-prospett tal-laqgħa li saret nhar il-13 ta' Settembru 2022* ***(Dok. "MBR5")****;*

*Illi r-Reġistratur għaddiet sabiex skont l-Artiklu 275(1) tal-Att, tirreġistra tali dokumenti msemmija u tippubblika l-avviż msemmi fl-Artiklu 401(1)(e) tal-istess Att, liema avviż ġie ppubblikat nhar is-27 ta' Settembru 2022* ***(Dok. "MBR6")****;*

*Illi t-terminu tat-tliet (3) xhur mill-pubblikazzjoni ndikata f' Dok. NC8 skada fis-27 ta' Diċembru 2022 u għaldaqstant, ir-Reġistratur*

*proċediet bit-tħassir tal-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru* ***(Dok. "MBR7")****;*

*Illi irid jiġi rilevat illi l-artikolu tal-liġi ċitat fir-rikors promotur u ċioe l-artikolu 325(4), m'huwiex applikabbli fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, billi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru wara illi ġiet sottomessa r-riżoluzzjoni straordinarja li biha r-Reġistratur ġiet infurmata li l-kumpanija għaddiet għall-proċess ta' xoljiment u stralċ volontarju. Għaldaqstant, id-deċiżjoni tar-Reġistratur li tħassar isem il-kumpanija kienet konformi mal-proċedura ta' stralċ volontarju kif preskritta mil-liġi;*

*Illi di piu', irid jiġi ssollevat illi r-Reġistratur ma rċeviet ebda notifikaformali jew informali, komunikazzjoni jew oġġezzjoni mingħand l-uffiċjali tas-soċjeta' rikorrenti jew persuna oħra interessata u għalhekk ma kien hemm xejn milli jżomm lir-Reġistratur milli tħares il-proċedura ordinarja;*

*Illi skont ir-rikors tal-Kummissarju rikorrenti, jidher illi t-talba hija msejjsa fuq il-fatt illi din is-soċjeta' għad għandha debitu a favur il-Kummissarju li baqa' ma ġiex saldat;*

*Illi r-Reġistratur m'għandha l-ebda oġġezzjoni sabiex dawn id-drittijiet jiġu eżerċitati mill-Kummissarju rikorrenti. Madanakollu l-artikolu tal-liġi ċitat fir-rikors promotur m'huwiex applikabbli fiċ-*

*ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, għaldaqstant għandha ssir id-debita korrezzjoni fl-atti tal-kawża;*

*Għaldaqstant ir-Reġistratur hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha li jkunu xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ.*

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Lulju 2023 dehret l-Avukat Dr Vincienne Vella għar-rikorrent u dehret l-Avukat Dr Claudette Fenech għar-Reġistratur intimat.

Rat ukoll illi fl-udjenza tas-7 ta' Lulju 2023, id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx provi x'jipproduċu u li bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u li permezz tagħha, ir-rikorrent jgħid illi b'effett mis-27 ta' Diċembru 2022, l-isem tas-soċjetà Interim Management Service Ltd (C 48907) kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.

Illi jirriżulta illi r-rikorrent huwa kreditur tas-soċjetà msemmija fl-ammonti kif indikati fir-rikors promotur, liema ammonti qed jiġu kkontestati mill-istess soċjetà quddiem it-Tribunal Amministrattiv permezz tal-appell fl-ismijiet **Lorna Smith (K.I. 379680M) bħala stralċjarju tas-soċjetà Interim Management Service ltd (C 48907) (numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT MT19711635) vs Direttur Ġenerali tat-Taxxi fuq il-Valur Miżjud** bir-referenza 32/17VG. Jgħid li għalhekk it-tħassir tal-kumpanija tippreġudika serjament lir-rikorrent milli jiġbor il-flus lilu dovuti mis-soċjetà *de quo.*

Huwa allura għalhekk illi r-rikorrent ressaq dawn il-proċeduri sabiex is-soċjetà Interim Management Service Ltd (C 48907) terġa' titqiegħed fuq

ir-Reġistru bil-għan illi r-rikorrent jieħu l-miżuri kollha lilu spettanti biex jissodisfa l-kreditu tiegħu.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-**intimat Reġistratur** isostni illi tali kanċellament tal-isem tal-Kumpanija **Interim Management Service Limited** minn fuq ir-Reġistru sar wara li ġiet xjolta voluntarjament f'Settembru tal-2022 u kkanċellata fuq proċedura mibdija mill-kumpanija stess, u konsegwentement mhux *ai termini* tal-Artikolu 325(4) tal-Kap 386.

Il-pożizzjoni tal-intimat Reġistratur tista' titqies waħda pjuttost newtrali iżda ferma. Huwa altru milli korrett ir-Reġistratur jgħid u jsostni illi meta jkun hemm stralċ, għandu jitħares u jiġi assikurat minn min hu interessat, illi jkun aċċertat illi l-assi u d-djun kollha jkunu inklużi fil-proċess ta' stralċ u li dan għandu jsir qabel ma jiġu ppreżentati d-dokumentazzjoni finali għal kanċellament.

Illi dan jevita ċertament lok għal abbuż. Huwa f'dan il-kuntest illi r-Reġistratur tal-Kumpanniji jinsisti illi jekk din il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, allura dan isir fuq parametri u termini ċari sabiex jiġi evitat kwalsiasi element ta' abbuż jew preġudizzju għal terzi persuni, anke in vista tal-fatt illi dan huwa rimedju eċċezzjonali.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-intimat Reġistratur fir-risposta tiegħu ssottometta li din il-proċedura ma kellhiex issir taħt l-Artikolu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda ai termini tal-Artikolu 300B tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti għalhekk teħtieġ li qabel xejn teżamina l-għan tal-artikoli kkonċernati ċjoè l-Artikolu 325(4), u 300B tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta** jgħid testwalment hekk**:**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma*

*jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Iżda dan l-artikolu ma jistax jinqara f'vakwu, imma jeħtieġ jinqara u jiġi applikat fil-kuntest ta' dak li ġie krejat u għalhekk irid jittieħed dejjem fil-kuntest tal-**Artikoli 325(1) (2) u (3)** li jgħidu testwalment hekk:

***325.** (1) Meta r-Reġistratur ikollu raġuni biżżejjed biex jaħseb li kumpanija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qedtopera, dan jista' jibgħat lill-kumpanija ittra bil-posta fejn jistaqsi jekk il-kumpanija tkunx qed tmexxi negozju jew tkunx qed topera*

*(2) Jekk ir-Reġistratur jirċievi tweġiba fis-sens li l-kumpanijama tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekkma jirċevix tweġiba fi żmien xahar minn meta jkun bagħat l-ittra,dan jista' jibgħat lill-kumpanija bil-posta u jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta litoħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jewprinċipalment f'Malta li, f'egħluq tliet xhur mid-data tal-aħħarpubblikazzjoni tal-imsemmi avviż, l-isem tal-kumpanija għandu,kemm-il darba qabel ma tintwerix raġuni biex isir kuntrarju jewjekk ir-Reġistratur ikun sodisfatt li hemm raġunijiet biżżejjed biexma jipproċedix bit-tħassir, jitħassar minn fuq ir-reġistru, u l-attivtal-kumpanija jgħaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta.*

> *(3) Jekk, f'xi każ fejn kumpanija tkun qed tiġi stralċjata volontarjament, ir-Reġistratur ikollu raġuni biżżejjed biex jaħsebjew li ebda stralċjarju ma jkun qed jaġixxi jew li l-affarijiet tal-kumpanija jkunu stralċjati għal kollox, u li l-prospetti li humameħtieġa li jsiru mill-istralċjarju skont l-artikolu 322 ikunu tardb'sitt xhur jew iktar, ir-Reġistratur jista' jippubblika fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġkuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalmentf'Malta, avviż li f'egħluq tliet xhur mill-aħħar pubblikazzjoni tal-imsemmi avviż, l-istralċ tal-kumpanija għandu, kemm-il darba qabel ma tintweriex raġuni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun ġiemitmum u konsegwentament li l-isem tal-kumpanija jitħassar minnfuq ir-reġistru. Ir-Reġistratur għandu jieħu ħsieb jibgħat bil-postakopja tal-imsemmi avviż lill-kumpanija u lill-istralċjarju, jekk ikun hemm. Malli jagħlaq l-imsemmi żmien ta' tliet xhur l-istralċ tal-kumpanija għandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raġuni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun ġie mitmum u r-Reġistratur għandu jħassar l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-reġistru u l-attiv tal-kumpanija jgħaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta."*

B'hekk l-Artikolu 325(4) jikkontempla sitwazzjoni fejn ir-Reġistratur tal-Kumpaniji jkun hu minn jeddu neħħa l-isem tal-Kumpanija minn fuq ir-Reġistru għax tkun fil-fehma tiegħu seħħet waħda mis-sitwazzjonijiet kontemplati mill-istess artikolu. Ta' min jinnota li f'dawn il-każijiet l-*istatus* tal-kumpanija jkun jimmarka bħala *struck off as defunct*. F'dan il-każ il-persuna interressata li l-kumpanija terġa' titqiegħed fir-Reġistru trid tagħti ġustifikazzjoni dwar għala dan għandu jsir u ċjoè li jew il-kumpanija ser tiġi in regola mal-Kap 386[1] jew li hemm drittijiet ta' terzi li l-unika mod li jistgħu jiġu enforzati hu billi l-kumpanija terġa' titqiegħed fir-reġistru.[2]

Min-naħa l-oħra l-**Artikolu 300B tal-Kap 386** jgħid testwalment hekk:

> *(1) Meta kumpanija tkun tħassret minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna hi li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ.*
>
> *(2) Meta, fuq rikors magħmul taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tkun sodisfatta li l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija jkun vizzjat*

---

[1] Ara **Maurice Vassallo Eminyan vs Reġistratur tal-Kumpaniji et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar 2021

[2] Ara Nazzareno Muliet vs Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji deċiża minn din il-Qorti fil-28 ta' Settembru 2022.

> *bi frodi jew <u>b'illegalità ta' natura materjali</u>, il-Qorti tista' tordna li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ <u>għal dawk ir-raġunijiet u għal dak iż-żmien li l-Qorti tispeċifika fid-deċiżjoni tagħha</u>, u l-Qorti għandha tagħti dawk <u>id-direttivi u timponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq</u>.*
>
> *(3) <u>Il-Qorti għandha tilqa' t-talba biss jekk tkun sodisfatta li dak ikun l-uniku rimedju li jkun hemm.</u>*
>
> *(4) Fid-deċiżjoni tagħha l-Qorti għandha wkoll tiddeċiedi jekk l-ordnijiet u d-direttivi tagħha jkunux effettivi favur il-persuni kollha jew jekk għandhomx japplikaw limitatament għal persunispeċifiki indikati fid-deċiżjoni.*
>
> *(5) Ma jista' jsir ebda rikors taħt dan l-artikolu wara li jgħaddu ħames snin mid-data li fiha l-isem tal-kumpanija jkun tħassar mir-reġistru.*

L-Artikolu 300B, mill-banda l-oħra jikkontempla xenarju fejn il-kumpanija li ġiet xolta, u għal darb'oħra r-Reġistru tal-Kumpaniji ma jkunx minn jeddu għażel li jneħħi l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru, u minħabba li l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija jkun vizzjat bi frodi jew b'illegalità ta' natura materjali, tista' ssir talba sabiex il-Qorti tordna li l-isem jiġi restitwit fuq ir-reġistru u jerġa' jinfetaħ l-istralċ mill-ġdid.

Fil-Principles of Maltese Company Law (MUP – 2007 – paġ 43) **Profs Andrew Muscat** hekk jgħid is-segwenti dwar l-Artikolu 300B:

> *"The amending Act introduced another novel provision dealing with the situation where the winding up and striking off of a company has been vitiated by fraud or illegality of a material nature. A typical example would be where the liquidator deliberately fails to take into account a pending claim against the company.*
>
> *The new article (article 300B of the Companies Act) empowers the court, upon an application filed by any interested person to order that the name of the company be restored to the register and the winding up be reopened for such purposes and such period as the court specifies in its decision. The court is also entitled to to give such directives and impose such conditions as it may consider appropriate. No application may be filed*

> *after the expiration of five years from the date on which the name of the company has been struck off the register. Prior to the introduction of article 300B, the Maltese courts had in a number of cases tackled situations where a claim against a company was not taken into account by the liquidator who proceeded to finalise the winding up and have the company`s name struck off the register. In these cases the courts applied a remedy involving the effective revival of the company.*
>
> *It should be remarked that the courts have been willing to provide such a remedy even where the omission by the liquidator to take into account a pending claim against the company was purely inadvertent. Article 300B however empowers the court to grant a remedy where it is satisfied that "the winding up and striking off of the company has been vitiated by fraud or illegality of material nature". Would an inadvertent omission constitute "illegality". A wide interpretation ought to afforded to the term "illegality". A liquidator who, whether negligently or faudulently, fails to take into account a pending claim will, it is submitted, have acted unlawfully. After all, in terms of general principles of law, a person who does not use the prudence, diligence and attention of a bonus paterfamilias and causes damage as a result is deemed to have acted unlawfully. Moreover a liquidator is clearly bound by law to take into account all pending claims against the company and if he fails to do so through negligence, imprudence or want of attention he should also be deemed to have acted unlawfully."*

Isegwi għalhekk li dawn iż-żewġ artikolu, għalkemm il-*punto di partenza* tagħhom huwa dejjem kumpanija li isimha ġie mħassar mir-reġistru, jikkontemplaw sitwazzjonijiet ferm distinti u li l-effett aħħari tagħhom fil-maġġor parti huwa differenti. Fil-fatt kumpanija li tiġi rxuxtata taħt l-Artikolu 325(4) terġa' ssib ruħha fir-Reġistru daqs li kieku qatt ma isimha ġie mħassar, mentri taħt l-Artikolu 300B, għalkemm isem il-kumpanija jerġa' jidħol fir-Reġistru daqs li kieku qatt ma ġie mħassar, il-kumpanija tiġi rxuxtata fi stat ta' stralċ.

Il-Qorti f'dawn il-każijiet tagħmel referenza wkoll għall-insenjament tagħha, kif diversament preseduta, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Avukat Jean-Pie Gauci Maistre noe vs Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji et noe** deċiża fit-28 ta' Marzu 2019, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *"Din il-Qorti trid tissottolinea li l-procedura skond l-Art 300B tal-Kap 386 (bhal dik skond l-Art 300A) ghalkemm huma proceduri distinti, u ghandhom jigu intavolati ghal ragunijiet kompletament diversi, fl-istess waqt ghandhom a common denominator u cioe` li jistghu jitressqu, wara li kumpannija tithassar mir-registru, u r-ragunijiet iridu jkunu eccezzjonali, fl-ambitu ta` dak li kull disposizzjoni tahseb ghalih distintament."*

**Tenut kont ta' dak kollu premess u tal-fattispeċi tal-każ li għandha l-Qorti quddiemha llum, il-Qorti tqis li t-talba ta' llum kellha ssir taħt il-kapitolu 300B u dan għas-segwenti raġunijiet:**

1. **Primarjament, si tratta ta' kumpanija li ġiet xolta voluntarjament u mhux kumpanija li ġiet imħassra mir-Reġistru mir-Reġistratur minħabba l-kriterji stabbiliti mill-Artikolu 325 tal-Kap 386 u għalhekk l-Artikolu 325(4) mhuwiex applikabbli għall-każ odjern.**

2. **Oltre minn hekk, ir-rikors odjern sar sabiex ir-rikorrent Kummissarju jkun jista jenforza l-allegat kreditu li għandu vis-a-vis s-soċjetà *de quo* u ċertament li dan ma jistax isir mingħajr ma' l-kumpanija tiġi rxuxtata. B'hekk iċ-ċirkostanzi tal-każ jinkwadraw ruħhom taħt l-Artikolu 300B tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Issa, il-Qorti tosserva li fir-rikors odjern saret ampja referenza għall-Artikolu 325(4) tal-Kap 386. Il-Qorti ma tistax qabel xejn f'dan ir-rigward ma titlobx aktar attenzjoni u preċiżjoni fit-tfassil tar-rikorsi li jiġu ntavolati quddiemha. Tajjeb li jiġi mfakkar li talbiet għal ravvivament ta' kumpanija huma fihom infushom proċeduri ta' natura straordinarja u li ċertament li din il-Qorti ma titrattax b'mod leġġer – iżda b'attenzjoni retta.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni tagħha deċiża fit-23 ta' Jannar 2003 fl-ismijiet **Francesca Isolan et vs Aureus Ltd** et fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *"Il-Qorti tqis illi "kif inhu risaput, l-oggett tad-domanda f'kawza jippostula li l-kawza li fuqha dik id-domanda hi fondata*

*ghandha tkun wahda sostantiva u mhux merament appartenenti jew formalistika"*[3]

*F'dan is-sens il-Qorti qed tqis illi essenzjalment, it-talba mressqa quddiemha hija dik ghax-xoljiment u konsegwenti stralc tal-kumpannija intimata. F'dan is-sens, ghalkemm fit-talbiet issir referenza ghall-Artikoli specifici tal-KAP 386, b'dana kollu is-sustanza tat-talbiet tirrikoncilja ukoll mal-premessi li jirreferu ghall-Artikoli ohrajn tal-KAP 386, liema Artikoli ukoll jistghu jwasslu lill-Qorti tikkonsidra x-xoljiment u konsegwenti stralc ta' kumpannija. Fuq kollox, it-talba kienet tkun xorta valida li kieku r-rikorrenti ma semmewx l-artikoli msemmija fit-talba taghhom. Il-Qorti ma thossx illi dan ibiddel bl-ebda mod is-sustanza tal-proċedura.*

*F'dan il-kuntest ghalhekk, il-Qorti mhux ser tillimita ruha li tissindika t-talbiet tar-rikorrenti biss u limitatment fil-kuntest tal-provvedimenti msemmija fl-istess talbiet, imma ser tikkonsidra t-talbiet ukoll fl-isfond tal-provvedimenti tal-ligi li ssir referenza ghalihom fil-premessi, partikolarment in vista tal-fatt illi dawn kollha jwasslu ghal rizultat wiehed – dak li l-Qorti tiskrutinja u tara jekk il-kumpannija intimata ghandhiex tigi xjolta u konsegwentament stralcjata.*

*Dan qed jinghad ukoll fil-kuntest u fid-dawl ta' spedezza u prattiċita' li huwa mehtieg fil-kamp kummerċjali, peress illi l-alternattiva kienet tkun, f'kaz illi tigi micħuda t-talba minħabba l-iżball msemmi, illi terġa' tiġi ri-proposta l-kawża b'indikazzjoni ta' l-artikoli rilevanti u bl-istess provi diġa` intavolati fil-proċeduri odjerni. Il-Qorti tqis dak bħala ħela ta' ħin u spejjeż inutili."*

Applikat dan l-insenjament għall-każ odjern, jirriżulta li t-talba tar-rikorrent hija għar-ravvivament tal-kumpanija Interim Managament Service Ltd u l-għan aħħari tagħha huwa li l-kumpanija *de quo* tiġi rxuxtata. Jirriżulta li kieku r-rikorrent m'għamilx referenza għal kwalunkwe artikolu, din il-Qorti kienet tapplika l-Artikolu 300B tal-Kap 386 minħabba li kif spjegat aktar 'l fuq, il-fattispeċi tal-kawża jinkwadraw ruħhom propju hemm.

[3] Nazzareno Sammut vs Charles Sultana (09.05.2007) kif rapportati fil-ktieb ta' l-Onor. Imħallef Dr Grazio Mercieca "Massimarji tal-Imħallef Philip Sciberras – Proċedura Civili", l-Ewwel Volum, 2015

Għal darb'oħra din il-Qorti tqis li jekk kemm-il darba tiċħad it-talba li għandha quddiemha minħabba li ġie indikat artikolu żbaljat bħala ħela ta' ħin u spejjeż minħabba li r-riżultat ser ikun li jiġi ri-intavolat ir-rikors, din id-darba bl-artikolu korrett indikat. Għalhekk din il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra u tiddeċiedi din il-vertenza ai termini tal-Artikolu 300B tal-Kap 386.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-Qorti tibda biex tgħid illi mill-provi mressqa jirriżulta illi s-soċjetà Interim Management Service Lt ġiet *struck off* meta fil-konfront tagħha kien hemm proċeduri (fuq ċitati) pendenti li kienu jirrigwardaw kontestazzjoni dwar kreditu dovut lill-Kummissarju rikorrenti. Addirittura jirriżulta illi kienet hi stess illi intavolat dawn il-proċeduri, tramite l-istralċjarju tagħha.

Huwa allura bil-wisq ċar li l-istralċjarja tal-kumpanija *de quo* kellha tkun taf b'dawn il-proċeduri pendenti stante li intavolathom hi stess fil-fakultà tagħha ta' stralċjarja u huwa evidenti illi l-fatt li l-istralċ ġie konkluż mingħajr ma ttieħdu in konsiderazzjoni l-proċeduri pendenti jikkostitwixxi llegalità ta' natura materjali.

Huwa ċar f'moħħ il-Qorti li hawnhekk si tratta ta' stat ta' llegalità illi sar bi traskuraġni ta' ħadd ħlief l-istralċjarja nnifisha. Dan ifisser li l-isem tal-kumpanija tħalla mill-istess stralċjarja jiġi mneħħi mir-Reġistru tal-Kumpaniji meta kienet ben konsapoveli li għad hemm proċeduri pendenti li jistgħu jwasslu għall-kundanna ta' ħlas ta' kreditu.

Anzi, il-Qorti ħadet *judicial cognisance* tal-aħħar verbal tal-proċeduri quddiem it-Tribunal Amministrattiv bin-numru **32/2017VG**, dak tat-2 ta' Marzu 2023 u jirriżulta illi l-istess Lorna Smith, fil-preżenza tad-difensuri tagħha, xehdet hekk:

> *Peress illi mix-xhieda ta' Lorna Smith jirrizulta li s-socjeta' Interim Management Services Limited giet struck off, il-proceduri qed jigu differiti sine die sakemm tigi re-instated sakemm ikun hemm minn ghandu nteress li jsir hekk.*

Il-Qorti trid tirrimarka illi dan kollu jidher illi seħħ f'perjodu meta t-Tribunal Amministrattiv kien qed jiġi mgħarraf illi kienu għaddejjin trattattivi bil-għan illi l-partijiet jilħqu transazzjoni – tant illi t-Tribunal stess talab illi jisma' lill-istralċjarju sabiex jara u japprezza x'kien qed jiġri mill-kumpanija.

Din il-Qorti tħoss firmament illi minn dak li hekk jirriżulta, hija tinsab ferm mħassba bl-aċir tal-istralċjarju Lorna Smith, u wkoll tad-difensuri tagħha li kienu qed jippatrocinawha f'dawn il-proċeduri, Dr John Bonello u Dr Marycien Vassallo. Tqis illi jekk huwa l-każ illi l-istralċjarju mexxiet bl-istralċ u l-eventwali xoljiment tal-kumpanija biex tittenta tevita ġudikat minn Tribunal li ressqet għandu hi stess – allura dak huwa aġir kundannabbli.

***F'dan il-kuntest il-Qorti ser tkun qed tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jinserixxi kopja legali ta' din id-deċiżjoni fl-atti tal-proċeduri quddiem it-Tribunal Amministrattiv bin-numru 32/2017VG.***

Il-Qorti hija wkoll sodisfatta illi ma għaddewx il-ħames snin mid-data illi l-kumpanija ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.

Finalment, illi l-Qorti tħoss illi l-uniku mod li r-rikorrenti jista' jesegwixxi l-kreditu tiegħu fil-konfront ta' Interim Management Service Limited, kif deskritt fir-rikors, huwa billi jintlaqa' r-rikors promotur odjern.

Il-Professur Andrew Muscat igħid:

> *A liquidator who, whether negligently or fraudulently, fails to take into account a pending claim will, it is submitted, have acted unlawfully. After all, in terms of general principles of law, a person who does not use prudence, diligence and attention of a bonus pater familias and causes damage as a result is deemed to have acted unlawfully. Moreover a liquidator is clearly bound by law to take into account all pending claims against the company (daqstant iehor kull ass attiv), and if he fails to do so through negligence, imprudence or want of attention he should also be deemed to have acted unlawfully*.[4]

Minkejja dan, il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tal-Kummissarju rikorrent li kellu kull interess jopponi t-tneħħija tal-isem tas-soċjetà Interim Management Service Limited mir-Reġistru tal-Kumpaniji u li kieku għamel dan fiż-żmien stipulat mil-liġi, din il-proċedura kienet tiġi evitata.

**Għaldaqstant**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq iċċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun ġust illi n-nuqqas ta' kunsiderazzjoni ta' proċeduri pendenti fil-konfront tas-soċjetà Interim Management Service Ltd (C-48907) hekk kif deskritti fir-rikors

[4] Principles of Maltese Company Law, Second Edition, Vol I

promotur qabel ma ġie ffinalizzat l-istralċ tal-kumpanija msemmija kien illegali u jikkostitwixxi llegalità ta' natura materjali u għalhekk ser tgħaddi biex takkolja it-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont tal-assjem ta' fatti u ċirkostanzi li l-Qorti ġiet mgħarrfa bihom, din il-Qorti qegħda **tilqa' t-talba tas-soċjeta rikorrenti** u konsegwentement:

1. **Tordna** li l-isem **Interim Management Service Ltd (C 48907)** jerġa' jidħol fir-Reġistru tas-Soċjetajiet kif mitlub sa mhux aktar tard minn gimgħatejn mil-lum.

2. **Tordna** illi jerġa' jinfetaħ l-istralċ tal-istess kumpanija **Interim Management Service Ltd (C 48907)** u l-istess stralċjarju hawnhekk maħtura u l-Kummissarju rikorrent huma mistennija illi jsegwu u wieħed jispera jiffinalizzaw kwalunkwe proċeduri neċessarji sabiex tigi magħluqa l-vertenza quddiem it-Tribunal Amministrattiv b'mod definittiv.

3. **Taħtar,** minkejja dak hawn fuq spjegat, lil Lorna Smith (KI 379680M) sabiex tassumi l-funzjonijiet, is-setgħat u l-obbligi kollha ta' stralċjarju tal-kumpannija **Interim Management Service Ltd (C 48907)** u tidderiġiha sabiex taqdi l-inkarigu u l-funzjoni tagħha sewwa, skond il-ligi u kif jixraq.

4. **Tordna** lill-istess stralċjarju Lorna Smith sabiex tagħmel dak kollu li hemm bżonn sabiex jitkomplew il-proċeduri f'isem **Interim Management Service Ltd (C 48907)** mal-Kummissarju rikorrent u dan taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet hawnhekk stipulati:

   a) Illi dan il-proċess ta' kontinwazzjoni u finalizzazzjoni tal-proċess tal-istralċ tal-kumpanija **Interim Management Service Ltd (C 48907)** għandu jkun komplut sa żmien massimu ta' ħames (5) snin mil-lum, b'dan illi wara dan il-perjodu r-Reġistratur intimat ikollu s-setgħa illi jerġa' jneħħi isem il-kumpaniji msemmija minn fuq ir-Registru tal-Kumpaniji, salv jekk il-proċeduri legali 32/2017VG fuq imsemmija jkunu għadhom ma għaddewx sub-judice, f'liema każ, l-istralċjarju u/jew ir-Rikorrenti għandhom jintavolaw rikors fl-atti ta' dawn il-proċeduri għal estensjoni ta' dan it-terminu.

   b) Illi l-Qorti trid tagħmilha ċara li dan il-provvediment bl-ebda mod ma għandu jfisser li bħal donnu l-Qorti tat jew qed tagħti xi *carte blanche*

lill-kumpanija de quo u/jew lill-uffiċjali tagħha u/jew lill-istralċarju tagħha sabiex isir xi ħaġa oħra, għajr għal dak hawn deċiż u huwa għalhekk illi l-Qorti qed tagħmilha ċara illi *una volta* ri-integrata fuq ir-Reġistru, il-kumpanija **Interim Management Service Ltd (C 48907)** tista` biss, entro l-perjodu massimu hawnekk konċess, tgħaddi biex taqdi l-obbligi tagħha kif hawnekk espress.

c) Illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija kummerċjali b'responsabilità limitata **Interim Management Service Ltd (C 48907)** fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet u sabiex jerġa' jikkanċella isem il-kumpanija wara li jsir dak hawn fuq deċiż, ikunu a karigu tal-Kummissarju rikorrent.

Finalment, il-Qorti tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jinserixxi kopja legali ta' din id-deċiżjoni fl-atti tal-proċeduri quddiem it-Tribunal Amministrattiv bin-numru 32/2017VG.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**